

6.12.2023

A9-0355/ 001-009

**EMENDI 001-009**

mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali

**Rapport**

**Ilana Cicurel**

**A9-0355/2023**

Awtorizzazzjoni li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja 'materji ċivili relatati mal-liġi tal-familja

Proposta għal deċiżjoni (COM(2023)0064 – C9-0026/2023 – 2023/0027(CNS))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) Franza pprovdiet informazzjoni li turi li **għandha interess speċifiku li tinnegozja l-abbozz ta' ftehim mibgħut lill-Kummissjoni**, minħabba r-rabtiet ekonomiċi, kulturali, storiċi, soċjali u politiċi eċċezzjonali bejn Franza u l-Alġerija.

(2) Franza pprovdiet informazzjoni li turi li minħabba r-rabtiet ekonomiċi, kulturali, storiċi, soċjali u politiċi eċċezzjonali bejn Franza u l-Alġerija, **Franza għandha interess speċifiku li tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija, li l-abbozz tiegħu ntbagħat lill-Kummissjoni.**

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8) **Il-biċċa l-kbira tal-materji** li għandhom jiġu ttrattati fl-abbozz ta' ftehim bejn Franza u l-Alġerija jaffettwaw l-acquis **tal-UE, b' mod partikolari l-leġiżlazzjoni tal-UE li tikkonċerna** materji

(8) **Uħud mill-materji** li għandhom jiġu ttrattati fl-abbozz ta' ftehim bejn Franza u l-Alġerija jaffettwaw l-acquis **rilevanti** tal-UE **relatat ma'** materji tal-liġi tal-familja. Konsegwentement, il-materji koperti minn

tal-liġi tal-familja. Konsegwentement, il-materji koperti minn tali impenji internazzjonali jaqgħu fi ħdan il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw tali impenji, jew jidħlu għalihom, biss jekk jingħataw ***is-setgħa mill-Unjoni biex jagħmlu dan f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) flimkien mal-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 81(3) TFUE.***

### Emenda 3

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

— tinforma lill-Alġerija li l-Kummissjoni Ewropea ***se*** tieħu sehem fin-negozjati bħala osservatur u se tiġi infurmata dwar kwalunkwe progress u riżultat miksuba matul id-diversi stadji tan-negozjati;

### Emenda 4

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

— thegħegħ lill-Alġerija tikkunsidra l-adeżjoni mal-Konvenzjonijiet ewlenin li jikkonċernaw materji tal-liġi tal-familja żviluppati mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u tibda analiżi ***serja tar-raġunijiet*** li ***żammew*** lill-Alġerija milli tagħmel dan ***għalissa***;

tali impenji internazzjonali jaqgħu fi ħdan il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw tali impenji, jew jidħlu għalihom, biss jekk jingħataw ***setgħa skont l-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) mil-leġiżlatur tal-Unjoni biex jagħmlu dan, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva msemmija fl-Artikolu 81(3) tat-TFUE.***

##### *Emenda*

— tinforma lill-Alġerija li l-Kummissjoni Ewropea ***tista'*** tieħu sehem fin-negozjati bħala osservatur u se tiġi infurmata dwar kwalunkwe progress u riżultat miksuba matul id-diversi stadji tan-negozjati;

##### *Emenda*

— thegħegħ lill-Alġerija tikkunsidra l-adeżjoni mal-Konvenzjonijiet ewlenin li jikkonċernaw materji tal-liġi tal-familja żviluppati mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u tibda analiżi ***tal-aktar mezzi xierqa biex jitneħħew l-ostakli*** li ***għalissa*** lill-Alġerija ***żammewha*** milli tagħmel dan;

## Emenda 5

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

— tinforma lill-Alġerija li, wara l-konklużjoni tan-negożjati, tkun meħtieġa awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel ma ***l-Partijiet jitħallew jikkonkludu*** l-ftehim;

##### *Emenda*

— tinforma lill-Alġerija li, wara l-konklużjoni tan-negożjati, tkun meħtieġa awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel ma ***Franza titħalla tikkonkludi*** l-ftehim;

## Emenda 6

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

— tinforma lill-Alġerija li l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni tal-ftehim, wara proposta mill-Kummissjoni, jaf tkun tipprevedi li l-ftehim ***ikollu*** validità limitata fiż-żmien (***pereżempju, ħames snin***) u jaf ***ikollu*** jiġi ***kkunsidrat mill-ġdid wara dan iż-żmien***;

##### *Emenda*

— tinforma lill-Alġerija li l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni tal-ftehim, wara proposta mill-Kummissjoni, jaf tkun tipprevedi li l-ftehim ***jista' jkollu*** validità limitata fiż-żmien, ***possibilmment b'sistema ta' tiġdid taċitu li jrid jiġi indikat fid-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim***;

## Emenda 7

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 4a (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

– ***iddaħħal dispożizzjoni li tipprevedi denunzja sħiħa jew parzjali tal-ftehim jew sostituzzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-ftehim fil-każ tal-konklużjoni ta' ftehim sussegwenti bejn l-Unjoni jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Alġerija, min-naħa l-oħra, jew l-adeżjoni tal-Alġerija għall-Konvenzjonijiet rilevanti tal-Aja***;

## Emenda 8

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

— iddaħħal dispożizzjoni li tgħid li d-deċiżjonijiet rikonoxxuti fi Franza skont dan il-ftehim ma jistgħux sussegwentement jiċċirkolaw fi Stati Membri oħra tal-UE;

##### *Emenda*

— iddaħħal dispożizzjoni li tgħid li d-deċiżjonijiet rikonoxxuti fi Franza skont dan il-ftehim ma jistgħux sussegwentement jiċċirkolaw fi Stati Membri oħra tal-UE ***skont id-dritt tal-Unjoni***;

## Emenda 9

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

— tiżgura li d-dispożizzjonijiet ***li jikkonċernaw id-dritt li tiġi rriġjutata n-notifika ta' dokumenti jkunu allinjati mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament riformulat dwar in-Notifika ta' Dokumenti, li jfisser li d-destinatarju jista' jirriġjuta n-notifika ta' dokumenti fil-ħin tan-notifika jew inkella fi żmien ġimagħtejn minn meta ssir in-notifika***;

##### *Emenda*

— tiżgura li d-dispożizzjonijiet ***tal-ftehim innegożjat mal-Alġerija jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u mal-Konvenzjonijiet tal-Aja***;